MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 43/2009

Anthony Saliba.

vs

Carmelo u Carmela konjuġi Saliba.

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' l-attur li permezz tiegħu, wara li ppremetta illi :

1. Illi l-esponenti huwa proprjetarju ta' porzjon art magħrufa bħala 'Iċ-Ċens' tal-kejl ta' ċirka mitejn u wieħed u tmenin metru kwadru (281m.k.) konfinanti mit-tramuntana ma' beni ta' Maria Saliba jew aventi kawża tagħha, lvant ma' beni tal-gvern ta' Malta u nofsinhar ma' beni ta' Rita Vella :

2. Illi oriġinarjament din il-porzjon art ġiet akkwistata minn Maria u Carmela, it-tnejn xebbiet aħwa

Saliba ulied il-mejtin Antonio Saliba u Maria Assunta nee' Zahra, permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni magħmul fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri datat għaxra (10) t'Awwissu tas-sena elf disa' mija u disgħa u sebgħin (1979), kopja ta' liema kuntratt qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok 'A';

3. Illi l-imsemmija Maria Saliba mietet xebba u rregolat il-wirt u s-suċċessjoni tagħha permezz ta' testment magħmul fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi datat tmintax (18 ) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u erbgħa u sebgħin (1974) li permezz tiegħu nnominat bħala eredi universali tagħha lil oħtha Carmela Saliba u dan kif jidhher mit-testment hawn anness u mmarkat bħala dok 'B' u għalhekk is-sehem tagħha mill-art in kwistjoni għaddeiet fuq oħtha Carmela Saliba;

4. Illi l-imsemmija Carmela Saliba, mietet xebba fid-disgħa (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003) u rregolat il-wirt u s-suċċessjoni tagħha permezz ta' testment magħmul fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani datat għoxrin (20) t'Ottubru tas-sena elf disa' mija u erbgħa u disgħin (1994) li permezz tiegħu nnominat bħala eredi universali tagħha lill-esponenti Anthony Saliba u dan kif jidher mit-testment hawn anness u mmarkat bħala Dok 'C';

5. Illi għalhekk din il-porzjon art għaddiet fuq l-esponenti Anthony Saliba li ħamel id-Dikjarazzjoni ta' trasferiment Causa Mortis relattiva għall-mewt ta' Carmela Saliba fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani fl-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta (2003), li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok 'D';

6. Illi riċentament l-intimati illi huma s-suċċessuri fit-titolu ta' Maria Saliba u li għandhom proprjeta' fit-tramuntana tal-porzjon art in kwistjoni, daħlu fil-porzjon art li llum hija tal-mittenti u bnew ħajt fuq l-istess art proprjeta' tal-mittenti;

7. Illi in oltre' l-intimati qed jużaw l-istess proprjeta' tal-esponenti bħala passaġġ għal fuq ir-raba tagħhom u dan meta l-proprjeta' tagħhom hija mdawwra fil-parti l-kbira tagħha minn toroq pubbliċi u għalhekk m 'għandhomx problema ta' aċċess għall-proprjeta' tagħhom;

8. Illi għalhekk l-intimati qed jimpedixxu lir-rikorrenti milli jgawdu d-dritt ta' proprjeta' tiegħu fuq din l-art billi qed jippretendu drittijiet fuqha tant li anke qabdu u okkupawha u bnew ħajt fuq l-istess art;

9. Illi għalkemm l-intimati ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċċjali numru 736/08 sabiex ineħħu dan il-ħajt li bnew u jerġgħu jpoġġu l-proprjeta' tar-rikorrenti kif suppost u sabiex jiddesistu milli jużaw il-proprjeta' tal-mittenti bħala passaġġ huma baqgħu inadempjenti;

10. Illi għalhekk ir-rikorrenti qed jipproċedi b'din il-kawża sabiex jikseb dikjarazzjoni fis-sens li huwa proprjetarju ta' l-art deskritta u li l-intimati m'għandhom e bda dritt jokkupaw u jużurpaw l-istess art jew parti minnha.

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-attur huwa s-sid assolut tal-porzjon art magħrufa bħala 'Iċ-Ċens' tal-kejl ta' ċirka mitejn u wieħed u tmenin metru kwadru (281m.k.) konfinanti mit-tramuntana ma' beni ta' Maria Saliba jew aventi kawża tagħha, lvant ma' beni tal-Gvern ta' Malta u nofsinhar ma' beni ta' Rita Vella, liema porzjon art tidher aħjar delineata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta u site-plan hawn annessa u mmarkata bħala Dok 'A';

2. Tiddikjara li l-konvenuti m'għandhom l-ebda dritt fuq l-istess proprjeta' u kwalunkwe okkupazzjoni u użurpazzjoni da parti tagħhom ta' din l-art huwa llegali u abbużiv;

3. Tordna lill-konvenuti sabiex ineħħu l-ħajt mibni minnhom jew minn terzi fuq inkarigu tagħhom fuq il-

proprjeta’ in kwistjoni u sabiex ma jibqgħux jużaw il-proprjeta’ tal-attur bħala passaġġ u sabiex iħallu din l-art libera favur l-attur u jivvakaw minn din l-art jew parti minnha;

4. Tinibixxi wkoll lill-konvenuti milli b’xi mod jimmolesaw lill-attur fit-tgawdija ta’ din il-proprjeta’ tiegħu;

5. Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali numru 736/08 datata 28 ta’ Novembru 2008.
Il-konvenuti huma mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed jiġu nġunti.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Illi in linea preliminari hemm in-nullita’ tar-Rikors Ġuramentat ai termini tal-artikolu 789(1) tal-Kap. 12, stante li l-premessi u t-talbiet attriċi huma msejsin fuq aktar m inn kawżali waħda differenti u distinti minn xulxin, u ċioe’ fl-istess kawża l-attu qed jeżerċita kumulattivament l-azzjoni rivendikatorja (art. 322 tal-Kap 16), l-azzjoni *negatorja servitutis* (art. 449 tal-Kap. 16), u l-azzjoni ta’ molestja fil-pussess (art. 534 tal-Kap. 16) u dan in vjolazzjoni tal-prinċipju kardinali *electam una via non datum recursus ad alteram* (ara f’dan is-sens is-sentenzi mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kawża fl-ismijiet : Angelo Fenech et –vs- Pawlu Grech et, deċiża fl-24 ta’ Settembru 2001; u dik mogħtija minn din il-Qorti kif preseduta fil-kawża fl-ismijiet : Anthony Pace –vs- Frances sive Franca Camilleri – Ċitaz. 88/00, deċiża fis-26 ta’ Marzu 2009);

2. Illi interament mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, il-kontestazzjoni ta’ bejn il-partijiet mhijiex proprjament dwar it-titolu tal-proprjeta’ tal-art tal-attur li tikkonfina mal-porzjon art proprjeta’ tal-esponenti Carmelo Saliba, iżda dwar l-aċċertament tal-estensjoni tal-proprjeta’ ta’ wieħed u ta’ l-ieħor. Għalkemm ghall-esponenti mhemmx dubbju dwar l-estensjoni tal-art tiegħu billi din hija delimitata bi qsami fissi u b’sinjali ċari ta’ konfini li hemm fuq in-naħa ta’ nofsinar fejn l-art tal-esponenti tikkonfina mal-art tal-attur, liema qsami kienu

saru u ġew iffissati bi ftehim bejn l-awturi fit-titolu rispettivi tal-partijiet, Carmela Saliba (in-nanna materma tal-konvenut Carmelo Saliba) u Assunta Saliba (omm Maria Saliba li wiritha l-attur), il-pretensjoni tal-atturt hija li hu għandu estensjoni akbar ta' art lejn in-naħa tat-tramuntana tali li qed jippretendi parti mill-art tal-esponenti Carmelo Saliba. Għalhekk l-azzjoni li riedet tiġi tentata mill-attur mhijiex dik rivendikatorja iżda dik li tissejjaħ l-*actio finium regundorum,* ċioe' l-azzjoni għar-regolamentazzjoni tal-konfini jekk l-attur għandu xi dubbju dwar il-konfini bejn l-art proprjeta' tiegħu u dik tal-intimati Carmelo Saliba. Għaldaqstant l-azzjoni rivendicatoria tentata mill-attur mhijiex l-azzjoni proprja u opportuna fiċ-ċirkostanzi u l-ewwel żewġ talbiet għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur;

3. Illi l-esponenti qatt ma vvantaw drittijiet ta' proprjeta' fuq l-art tal-attur u li ġejja mill-eredita' minnu msemmija fil-premessi tar-rikors ġuramentat, iżda qed jikkontestaw l-estensjoni tal-proprjeta' tal-attur billi l-attur qed jippretendi li l-art tiegħu testendi aktar lejn in-naha tat-tramuntana fl-art tal-intimat Carmelo Saliba b'mod li l-attur qed jippretendi li jidħol u jieħu parti żgħira mill-art tal-intimat Carmelo Saliba;

4. Illi mill-fatti kif hawn fuq esposti u kif ser jiġi ppruvat f'aktar dettal fil-kors tal-kawża, l-intimata Carmela Saliba mhijiex il-leġittimu kontradittur u l-kawża fil-konfront tagħha saret inutilment billi l-art attigwa għal dik tal-attur, hija proprjeta' kollha tal-intimat Carmelo Saliba li pperveniet lilu mill-wirt u suċċessjoni ta' ommu Maria Saliba li mietet fit-22 ta' Frar, 2007, u għaldaqstant l-intimata Carmela Saliba għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju. L-art kemm tal-attur kif ukoll dik tal-konvenut Carmelo Saliba oriġinarjament kienu art waħda li kienet ġiet diviża bejn Assunta Saliba (omm Maria u Carmela xebbiet Saliba, li wirithom l-attur) u oħtha Carmela Saliba (in-nanna materna tal-konvenut), u bejn dawn iż-żewġ biċċiet art kien jeżisti ħajt tas-sejjieħ baxx li minfloku llum in parti ħajt mibni bil-ġebel tal-kantun u in parti għad hemm parti mill-fdalijiet tal-bażi tal-ħajt l-antik. Il-ħajt tal-kantun ma nbeniex riċentement iżda ilu mibni

għal dawn l-aħħar erbgħin sena in ċirca, u dan kif ser jiġi ppruvat dettaljatament fil-kors tal-kawża u kif ser jiġi muri permezz ta' *aerial photos.* Id-dikjarazzjoni tal-attur li dan il-ħajt sar 'riċentement' mill-intimati hija waħda nveritiera addirittura falza u prova kuntrarja ta' dak li ġie dikjarat mill-attur bil-ġurament hemm ir-ritratti mill-ajru u s-survey sheets antiki u oħrajn aktar riċenti;

5. Illi l-art tal-intimat Carmelo Saliba kienet u għadha interkjuża u l-aċċess għaliha kien u għadu minn fuq l-art tal-attur, u l-fatt li f'dawn l-aħħar snin ġiet ipproġettata triq li tgħaddi minn fuq in-naħa tal-grigal tal-art tal-konvenut, hemm diżlivell għoli ħafna bejn l-art u t-triq, u ma jeżisti ebda aċċess minn hemm, u dan kollu kif jista jiġi konstatat f'aktar dettal fil-kors tal-kawża;

6. Illi l-intimat Carmelo Saliba għandu wkoll dritt li jtella' l-ilma mill-ispiera li jrid jgħaddi għaliha minn fuq ir-raba tal-attur, liema spiera kienet u baqgħet komuni bejn l-awturi tagħhom fit-titolu, u għadha komuni bejniethom sal-lum;

7. Salvi tweġibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż kontra l-attur inklużi tal-ittra uffiċjali responsiva tal-5 ta' Diċembru 2008.

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Gunju 2011 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar dawn l-eċċezzjonijiet.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' l-ewwel eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti qed jeċċepixxu n-nullita' tal-kawża minħabba li t-talbiet attriċi huma bbażati fuq kawżali differenti u distinti minn xulxin u l-attur eżerċita kumulattivament diversi azzjonijiet.

L-artikolu 156( 1)(a) jistipula li ċ-ċitazzjoni għandu jkun fiha "**tifsir ċar u sewwa ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba**." Imma kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell : *"…. F'materja ta' eċċezzjonijiet ta' nullita' l-prinċipju applikabbli huwa* ***ut magis res valeat quam pereat****. Il-Qorti għandha tilqa' eċċezzjoni ta' nullita' minħabba fin-nuqqas ta' l-attur li jħares xi formalita' (sakemm ma tkunx nullita' li tirriżulta espressament mil-liġi) biss fil-każijiet fejn jirriżulta li l-konvenut isofri preġudizzju irreparabbli minħabba fin-nuqqas ta' l-attur. Il-liġi ma tiddikjarax espressament in-nullita' ta' l-att li ma jħarisx l-artikolu 156(1)(a) u għalhekk huwa applikabbli l-artikolu 789(1) (c) tal-kap. 12 li jgħid li tista' tingħata eċċezzjoni ta' nullita'* ***'jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi … kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullita' preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat****.' "* [1]

Hekk ukoll ingħad illi: "… *n-nullita' ta' l-atti ġudizzjali hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi imposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali*." [2]

Fil-każ in eżami l-attur qed jallega li l-konvenuti qabdu u abbużivament okkupaw parti mill-għalqa tiegħu[3] li tiġi adjaċenti għal dik tagħhom, bnew ħajt quddiemha biex issegregawha mill-kumplament ta' l-art tiegħu, u qed jgħaddu minnha biex jaċċedu għall-art tagħhom iżjed 'l ġewwa fuq in-naħa tat-tramuntana. Il-konvenuti jsostnu li dawn il-kawżali differenti wasslu lill-attur sabiex jintavola diversi talbiet konsistenti f'azzjonijiet separati li jirrigwardaw kawża rivendikatorja, oħra negatorja u dik ta' molestja fil-pussess.

---

[1] Albert Portelli vs Dr. Riccardo Farrugia : 4.12.1998 kollez. vol. LXXXII.. II. 1311 .

[2] Appell : Guido J. Vella A.CE vs Dr. Emanuel Cefai Ll.D.: 4.11.1991 vol. LXXV. II. 474 .

[3] ara pjanta annessa mar-Rikors guramentat ta' l-attur a fol. 8 tal-process .

Imma kif tajjeb fissret il-Qorti ta' l-Appell f'ċirkostanzi pjuttost simili ta' diversi azzjonijiet magħmula f'kawża waħda:

"*F'dan ir-rigward jista' bla diffikolta' jingħad illi l-atti kienu ntiżi biex tkun tista' tiġi sewwa epurata u deċiża din it-talba prinċipali ta' l-atturi. Kien hemm konnessjoni ċara u netta bejn id-diversi talbiet tagħhom b'dan li, għalkemm kull waħda mit-talbiet kienet indikattiva ta' azzjoni li setgħet ukoll tiġi proposta waħedha, l-atturi għażlu li jipproponuhom flimkien għax kellhom finalita' waħda.* ***'Ha luogo il cumolo delle azioni quando piu' azioni aventi ciascuna vita propria e indipendente si sperimentano tutte nel medesimo giudizio senza che' l'ezercizio nell'una impedisca in tutto o in parte l'ezercizio dell'altra. L'attore puo' di regola cumulare tutte le azioni che gli spettano contro lo stesso connvenuto sebbene dipendano da titoli diversi****.' (Joseph Borg et Emanuel Bonello, deċiża mill-Prim'Awla fid-29 ta' Jannar 1999, li ċċitat il Nuovo Digesto Italiano, Concorso di Azioni).*

*Ebda liġi ma tipprojbixxi l-kumulu ta' azzjonijiet, aċċettat anke mid-duttrina, barra minn xi każi fejn hemm dispożizzjonijiet espressi u kuntrarji, dak per eżempju li ma tistax teżerċita l-azzjoni petitorja u possessorja flimkien, meta l-eżercizzju ta' waħda jeskludi l-eżerċizzju ta' l-oħra. (Vol. XXIX P. 1. p. 1087).*

*Ma kellux allura jkun hemm ostakolu għall-atturi li jipproċedu b'att ta' ċitazzjoni waħda li tkun tikkontjeni kumulu ta' azzjonijiet sakemm jiġi sodisfaċentement pruvat lill-Qorti li tali proċedura kienet utili għall-ekonomija tal-ġudizzju, li kienet tassigura li l-persuni kollha interessati jkunu partijiet, taħt vesti jew oħra, fil-ġudizzju, u li ma jkunx hemm preġudizzju għall-konvenuti kjamati biex jirrispondu t-talbiet ta' l-atturi. "***La cumulazione delle citazioni era permessa e frequentemente praticata sotto la giurisprudenza anteriore. E" cosa in se ragionevole, conducente ad economia di tempo e di spese e non pregudizievole al convenuto ne punto***

***irriconciliabile con la legge attuale**.' (Cremona, Commentario sul Codice di Procedura, p. 847)*." [4]

Fil-każ in eżami d-diversi talbiet ta' l-atturi huma kumplementari għal xulxin u ma hemm xejn kontradittorju fihom. Kollha jsegwu mill-allegazzjoni ewlenija ta' l-attur li l-konvenuti okkupawlu parti mill-art tiegħu. Il-fatti li jattribwixxi lill-konvenuti u ċioe' li bnew ħajt biex issegregaw din il-parti mill-bqija ta' l-art tiegħu u li bdew jgħaddu minnha biex jaċċedu għall-art tagħhom, huma kollha konsegwenza tal-pretensjoni tagħhom li qed jipposjedu din il-biċċa art bħala proprjeta' tagħhom. Is-sentenza ċitata mill-konvenuti in sostenn tat-teżi tagħhom "*Anthony Pace vs Frances sive Franca Camilleri*" [5] m'għandha xejn x'taqsam mal-każ in eżami, u dan għaliex dik il-kawża kienet ġiet dikjarata nulla mhux għax kien hemm kumulu ta' azzjonijiet, imma ghax il-premessi u t-talbiet kienu kontradittorji ghal xulxin. Gialadarba ghalhekk fil-kaz presenti jezistu l-kundizzjonijiet kollha elenkati mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawża hawn fuq ċitata, u ċioe' li:

1. **tali proċedura kienet utili għall-ekonomija tal-ġudizzju**: seta' l-attur għamel tliet kawżi differenti, imma dan kien naturalment jinvolvih fi spejjeż u ħin inutili;

2. **kienet tassigura li l-persuni kollha interessati jkunu partijiet, taħt vesti jew oħra, fil-ġudizzju**: l-attur qed isostni li kienu l-istess konvenuti li ppossessawlu l-art tiegħu, bnew il-ħajt biex jifirduha mill-bqija ta' l-art tiegħu u qed jgħaddu minn fuqha biex jidħlu fl-għalqa tagħhom;

3. **ma jkunx hemm preġudizzju għall-konvenuti msejjħa biex jirrispondu għat-talbiet ta' l-attur**: ma jirriżultax li l-konvenuti sofrew xi preġudizzju bil-mod kien l-attur intavola din il-kawża tiegħu; min-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom jidher li kienu kapaċi jidentifikaw id-diversi azzjonijiet magħmula mill-attur u ddenfendew

[4] Mary Bezzina et. vs Joseph Vella et. : 29.10.1999 .
[5] deciza minn din il-Qorti kif ippreseduta fis-26.03.2009 .

ruħhom regolarment għalihom mingħajr ebda diffikolta, tant li anke bdew iressqu l-provi relattvi tagħhom.

Ma jibqa' għalhekk ebda raġuni għaliex din l-eċċezzjoni tista' tiġi milqugħa.

Bit-tieni eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti qed jgħidu li ma kienx il-każ li l-attur jagħmel l-azzjoni rivedikatorja għax huma ma ippussessew ruħhom minn ebda parti mill-art tiegħu. Isostnu biss li hemm differenza bejn il-kontendenti dwar l-estensjoni ta' l-artijiet rispettivi u għalhekk kien il-każ li tiġi eżerċitata minflok l-*actio finium regundorum*. Dwar id-delimitazzjoni tal-konfini, l-liġi tagħna titkellem biss f'artikolu wieħed li jistipula illi:

"**Kull sid jista' jġiegħel lill-ġar jagħmel, bi spejjeż komuni, sinjali li jidhru u li jibqgħu, biex juru l-limiti tal-fondi tagħhom li jmissu ma' xulxin**."[6]

Il-**Baudry - Lacantinerie** li jitkellem fuq artikolu kważi identiku tal-Code Napoleon[7] jispjega illi:

"*Il regolamento dei confini e' un'operazione che ha per iscopo di indicare con segni materiali la linea che separa due proprieta' contigue. Esso ha luogo in contradittorio col vicino e in questo differisce essenzialmente dalla chiusura …*[8]

Għall-kuntrarju l-attur jissottometti, kif ġia rajna, li l-konvenuti ħadulu parti mill-art tiegħu li kienet ġia delimitata u jaf preċiżament fejn huma l-konfini tagħha, kif jirriżulta minn att ta' qasma li kien sar bejn il-predeċessura fit-titolu tiegħu u ħutha.[9] Kien allura għalhekk li għamel kawża ta' rivendika u mhux waħda ta' delimitazjoni tal-konfini. Kif ikompli jispjega l-istess awtur:

[6] art. 325 tal-kap. 16 .
[7] art. 646 .
[8] Trattato Teorico - Pratico di Diritto Civile ; dei Beni #900 p. 647 .
[9] ara kuntratt ta' divizjoni ta' l-10.08.1979, kopja ta' liema giet annessa mar-Rikors guramentat bhala Dok. A a fol. 5 tal-process u pjanta annessa a fol. 8 .

"*Se l'azione di rivendicazione e l'azione di regolamento di confini hanno per carattere comune di essere azioni reali, esse differiscono nettamente sotto altri riguardi. Nella rivendicazione l'attore e il convenuto, rappresentano ciascuno una parte distinta; l'uno emette una pretesa deciza e determinata che l'altro combatte . Nell'azione di regolamento di confini vi ha ,se si vuole, un attore, colui che prende l'iniziattva, ma iniziato il processo, le due parti perseguono d'ordinario lo stesso scopo, la determinazione dei limiti esatti tra due fondi vicini e la fissazione legale di questi limiti per l'apposizione delle pietre limitari; le due parti, generalmente in dissenso sul tracciato della linea di separazione, si accordano su di un punto essenziale, oggetto stesso dell'azione, sulla necessita' di fissare questa linea e d'indicare con pietre limitari. Nell'istanza, ciascuno dei litiganti ha la stessa parte, attore e convenuto insieme, e si trova cosi' collocato in una situazione eguale a quella dell'avversario, pertanto il giudice deve invitare l'una e l'altra delle parti in causa a produrre le sue prove*."[10]

Għaldaqstant fil-każ in eżami għamel sew l-attur li pproċeda b'kawża għar-rivendika, ġialadarba qed jippredendi li l-konvenuti ippossessaw ruħhom minn parti mill-art ben definita tiegħu, u li l-kwistjoni ta' bejn il-kontendenti ma tirrigwardax sempliċement nuqqas ta' qbil dwar l-estensjoni tat-territorji rispettivi. Din l-eċċezzjoni qed tiġi wkoll għalhekk respinta .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi, filwaqt illi tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti, bl-ispejjeż relattivi kontra tagħhom, tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni .

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[10] ibid. #903 p. 649 .